Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0441(CNS)

22.5.2026

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u d-Direttiva (UE) 2019/997 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE
(COM(2023)0930 – C10-0027/2026 – 2023/0441(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Lena Düpont

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta’ koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f’pajjiżi terzi u d-Direttiva (UE) 2019/997 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE
(COM(2023)0930 – C10-0027/2026 – 2023/0441(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (05760/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0027/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b’mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(2) Il-kriżijiet li jirriżultaw f’talbiet għall-protezzjoni konsulari minn ċittadini mhux rappreżentati qegħdin jiżdiedu fl-	(2) Il-kriżijiet ***ta’ kull tip*** li jirriżultaw f’talbiet għall-protezzjoni konsulari minn ċittadini mhux rappreżentati qegħdin

għadd u fl-iskala tagħhom***. B'riżultat tat-tagħlimiet minn dawk l-esperjenzi, u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għaċ-ċittadini mhux rappreżentati u għall-awtoritajiet konsulari, ir-regoli u l-proċeduri tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu aġġornati u ssimplifikati sabiex tittejjeb l-effettività tal-għoti ta' protezzjoni konsulari*** liċ-ċittadini ***mhux rappreżentati*** tal-Unjoni***, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Jenħtieġ li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kemm lokalment f'pajjiżi terzi kif ukoll fil-livell kapitali.***

jiżdiedu fl-għadd u fl-iskala tagħhom***, u li jaffettwaw direttament*** liċ-ċittadini tal-Unjoni ***li jgħixu b'mod permanenti jew temporanjament preżenti barra mill-pajjiż.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	(2a) Abbażi tal-eżempji reċenti ta' ġestjoni b'suċċess ta' kriżijiet u emerġenzi mill-Istati Membri, rappreżentati jew le, bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u ta' korpi oħra tal-Unjoni, id-Direttiva (UE) 2015/637 trid tiġi aġġornata sabiex tirrifletti u tagħti l-bażi ġuridika meħtieġa lill-għodod ta' koordinazzjoni li ġew introdotti b'mod effettiv mid-dħul fis-seħħ tagħha u l-ħtiġijiet li nqalgħu minn dak iż-żmien 'l hawn.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	(2b) Bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għaċ-ċittadini mhux

rappreżentati u għall-awtoritajiet konsulari, biex tittejjeb l-effettività tal-għoti ta' protezzjoni konsulari, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' rispons tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli u l-proċeduri tad-Direttiva (UE) 2015/637 jenħtieġ li jiġu aġġornati u ssimplifikati wkoll. Jenħtieġ li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kemm lokalment f'pajjiżi terzi kif ukoll fil-livell kapitali.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	(3a) Kemm jekk b'riżultat tal-eżekuzzjoni ta' tali arranġamenti u ta' oqfsa ta' ħejjija konġunti, kif ukoll jekk le, l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni, li jaġixxu fuq talba u f'isem Stat Membru, jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jawtomatizzaw kemm jista' jkun l-identifikazzjoni taċ-ċittadini mhux rappreżentati, permezz tal-użu ta' kriterji li jiżguraw li t-tul tal-proċess ta' identifikazzjoni qatt ma jostakola l-għoti ta' protezzjoni. Perjodu ta' 48 siegħa biex ċittadin jilħaq jew jintlaħaq b'mod sikur mill-ambaxxata jew mill-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu, jew anqas jekk iċ-ċirkostanzi lokali jagħmlu dan il-kuntatt mhux sikur jew impossibbli għaċ-ċittadin, jenħtieġ li għalhekk jiġi applikat biex jiġu identifikati b'mod effiċjenti ċ-ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, u b'mod partikolari biex tiġi żgurata t-tħejjija rigward kriżijiet konsulari possibbli li jirrikjedu l-għoti ta' assistenza liċ-ċittadini mhux rappreżentati, il-kooperazzjoni konsulari lokali fost l-Istati Membri f'pajjiżi terzi, appoġġata mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li tinkludi skambji dwar kwistjonijiet rilevanti għal dawn iċ-ċittadini, inkluż l-istabbiliment ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ***u l-organizzazzjoni ta'*** eżerċizzji konsulari. F'dan il-kuntest, jista' jkun partikolarment rilevanti li l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati jiġu inklużi f'din il-kooperazzjoni konsulari lokali meta jkunu qed jiġu kkoordinati t-tħejjija u r-rispons konsulari għall-kriżijiet. Dawn l-iskambji jistgħu jsiru fil-kuntest ta' strutturi ta' kooperazzjoni konsulari lokali eżistenti flimkien ma' skambji bejn l-Istati Membri, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom, dwar kwistjonijiet konsulari jew lokali oħra.	(8) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għall-protezzjoni konsulari stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE, u b'mod partikolari biex tiġi żgurata t-tħejjija rigward kriżijiet konsulari possibbli li jirrikjedu l-għoti ta' assistenza liċ-ċittadini mhux rappreżentati, il-kooperazzjoni konsulari lokali fost l-Istati Membri f'pajjiżi terzi, appoġġata mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li tinkludi skambji dwar kwistjonijiet rilevanti għal dawn iċ-ċittadini, inkluż l-istabbiliment ta' oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti***. Tali oqfsa jenħtieġ li dejjem jinkludu mekkaniżmi jew arranġamenti operazzjonali u jiġu ttestjati mill-inqas fuq bażi annwali billi jiġu organizzati*** eżerċizzji konsulari. F'dan il-kuntest, jista' jkun partikolarment rilevanti li l-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri mhux rappreżentati jiġu inklużi f'din il-kooperazzjoni konsulari lokali meta jkunu qed jiġu kkoordinati t-tħejjija u r-rispons konsulari għall-kriżijiet. Dawn l-iskambji jistgħu jsiru fil-kuntest ta' strutturi ta' kooperazzjoni konsulari lokali eżistenti flimkien ma' skambji bejn l-Istati Membri, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom, dwar kwistjonijiet konsulari jew lokali oħra.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(12) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu	(12) Fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jiġu

rieżaminati ***regolarment, u aġġornati jekk ikun meħtieġ, b'mod partikolari*** abbażi tas-sejbiet tal-eżerċizzji konsulari. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jista' jkun fihom ukoll arranġamenti speċifiċi relatati mar-rwoli tal-Istati Membri, bħad-deċiżjoni ta' grupp ta' Stati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' tħejjija jew rispons għall-kriżijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-assistenza konsulari. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ma jinftiehmux li qed jissostitwixxu l-pjanijiet nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet jew li qed jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom stess.	rieżaminati ***ta' sikwit daqs kemm jirrikjedu ċ-ċirkostanzi lokali u, fi kwalunkwe każ, tal-anqas fuq bażi annwali,*** abbażi tas-sejbiet tal-eżerċizzji konsulari ***annwali***. L-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti jista' jkun fihom ukoll arranġamenti speċifiċi relatati mar-rwoli tal-Istati Membri, bħad-deċiżjoni ta' grupp ta' Stati Membri li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-finijiet ta' tħejjija jew rispons għall-kriżijiet biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-assistenza konsulari. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-oqfsa ta' kontinġenza konsulari konġunti ma jinftiehmux li qed jissostitwixxu l-pjanijiet nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri għall-kriżijiet jew li qed jaffettwaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu għajnuna konsulari lin-nazzjonali tagħhom stess. Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(13) Il-pariri dwar l-ivvjaġġar, jiġifieri, l-informazzjoni maħruġa mill-Istati Membri dwar is-sikurezza relattiva tal-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi speċifiċi, jippermettu lill-vjaġġaturi jieħdu deċiżjoni infurmata dwar destinazzjoni partikolari tal-ivvjaġġar, inkluż pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkunx rappreżentat. Filwaqt li l-ħruġ ta' pariri dwar l-ivvjaġġar huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri, huwa utli li dawn jiskambjaw informazzjoni ***dwar dak is-suġġett***, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi***, biex itejbu l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini mhux rappreżentati***. Għal dan il-għan, jenħtieġ li s-SEAE jappoġġa l-iskambji ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ***tas-sit tal-internet sigur tiegħu (Consular***	(13) Il-pariri dwar l-ivvjaġġar, jiġifieri, l-informazzjoni maħruġa mill-Istati Membri dwar is-sikurezza relattiva tal-ivvjaġġar lejn pajjiżi terzi speċifiċi, jippermettu lill-vjaġġaturi jieħdu deċiżjoni infurmata dwar destinazzjoni partikolari tal-ivvjaġġar, inkluż pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom ma jkunx rappreżentat. ***Sabiex tittejjeb l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini mhux rappreżentati u*** filwaqt li l-ħruġ ta' pariri dwar l-ivvjaġġar huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri, huwa utli li dawn jiskambjaw informazzjoni ***aġġornata u kollettivament ifittxu li jipprovdu informazzjoni konsistenti fil-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti***, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi***. Iċ-ċittadini jistgħu jiġu offruti wkoll mill-Istat Membru tan-nazzjonalità***

OnLine, jew "CoOL"). Dawn l-iskambji jistgħu jkunu bbażati fuq struttura komuni tal-livelli ta' riskju indikati fil-pariri dwar l-ivvjaġġar.

tagħhom il-possibbiltà li jirreġistraw il-vjaġġi tagħhom lejn pajjiżi terzi jew ir-residenza tagħhom fihom. Għal dan il-għan, jenħtieġ li s-SEAE jappoġġa l-iskambji ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ***tas-sistemi tal-IT***. Dawn l-iskambji jistgħu jkunu bbażati fuq struttura komuni tal-livelli ta' riskju indikati fil-pariri dwar l-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 21a

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(21a) Il-protezzjoni konsulari mogħtija lil ċittadin mhux rappreżentat tista', f'ċerti każijiet, bħall-arrest, id-detenzjoni, il-fatt li wieħed ikun vittma ta' reat serju, inċident serju ***jew*** mard serju, tinvolvi kostijiet tal-ivvjaġġar, kostijiet tal-akkomodazzjoni jew kostijiet tat-traduzzjoni oħla mis-soltu għall-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istat Membru li jassisti. Dawn il-kostijiet jistgħu madankollu, skont iċ-ċirkostanzi, ikunu essenzjali u ġustifikati biex jirreaġixxu b'mod adegwat għall-każ individwali. Fil-kuntest tal-konsultazzjoni prevista fid-Direttiva, jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jiġi infurmat dwar dawn il-kostijiet possibbli. L-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun jista' jitlob rimborż ta' dawn il-kostijiet oħla mis-soltu mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat, inkluż meta s-sitwazzjoni tipprevieni liċ-ċittadin mhux rappreżentat milli jiffirma impenn ta' ħlas lura. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin jenħtieġ li jirrimborża lill-Istat Membru li jassisti għall-kostijiet imġarrba. L-Istat Membru li jassisti ma jistax jitlob lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jirrimborża dawn il-kostijiet li n-nazzjonali tal-Istat	(21a) Il-protezzjoni konsulari mogħtija lil ċittadin mhux rappreżentat tista', f'ċerti każijiet, bħall-arrest, id-detenzjoni, il-fatt li wieħed ikun vittma ta' reat serju, inċident serju***,*** mard serju ***jew, f'każ ta' emerġenza, ikun jeħtieġ sokkors u ripatrijazzjoni***, tinvolvi kostijiet tal-ivvjaġġar, kostijiet tal-akkomodazzjoni jew kostijiet tat-traduzzjoni oħla mis-soltu għall-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istat Membru li jassisti. Dawn il-kostijiet jistgħu madankollu, skont iċ-ċirkostanzi, ikunu essenzjali u ġustifikati biex jirreaġixxu b'mod adegwat għall-każ individwali. Fil-kuntest tal-konsultazzjoni prevista fid-Direttiva, jenħtieġ li l-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat jiġi infurmat dwar dawn il-kostijiet possibbli. L-Istat Membru li jassisti jenħtieġ li jkun jista' jitlob rimborż ta' dawn il-kostijiet oħla mis-soltu mill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat, inkluż meta s-sitwazzjoni tipprevieni liċ-ċittadin mhux rappreżentat milli jiffirma impenn ta' ħlas lura. L-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin jenħtieġ li jirrimborża lill-Istat Membru li jassisti għall-kostijiet imġarrba. L-Istat Membru li jassisti ma jistax jitlob lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-

Membru li jassisti ma jkunux meħtieġa jħallsu lura fl-istess sitwazzjoni. L-Istati Membri tan-nazzjonalità ta' ċittadini mhux rappreżentati ma jistgħux, skont il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, jitolbu li ċ-ċittadini tagħhom jirrimborżaw dawn il-kostijiet li n-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti ma jkunux meħtieġa jirrimborżaw.

ċittadin mhux rappreżentat jirrimborża dawn il-kostijiet li n-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti ma jkunux meħtieġa jħallsu lura fl-istess sitwazzjoni. L-Istati Membri tan-nazzjonalità ta' ċittadini mhux rappreżentati ma jistgħux, skont il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, jitolbu li ċ-ċittadini tagħhom jirrimborżaw dawn il-kostijiet li n-nazzjonali tal-Istat Membru li jassisti ma jkunux meħtieġa jirrimborżaw.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(28) Minħabba li l-kompiti konsulari jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti, u jkopru sitwazzjonijiet sensittivi bħall-arrest, il-priġunerija, il-korriment jew li persuna tkun vittma ta' reat, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-Unjoni jkollhom aċċess ***għall-informazzjoni*** kollha meħtieġa ***u jkunu jistgħu jiskambjaw din l-informazzjoni, inkluż data personali, li tkun meħtieġa biex tipprovdi protezzjoni konsulari liċ-ċittadini tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u, fejn jipprovdu appoġġ, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu intitolati li jipproċessaw kategoriji speċjali ta' data personali***, meta dan ikun strettament meħtieġ biex tiġi pprovduta protezzjoni konsulari lill-persuna kkonċernata***. Dan jenħtieġ li jkopri d-data dwar is-saħħa, li jista' jkollha bżonn tiġi pproċessata sabiex tiġi pprovduta protezzjoni konsulari lil ċittadin mhux rappreżentat li jkun weġġa' serjament jew marad serjament***. L-immaġnijiet tal-wiċċ tal-persuni ***jeħtieġ li*** jiġu pproċessati b'mod partikolari f'każijiet meta ***għandu*** jinħareġ Dokument Proviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE. ***L-għoti ta' għajnuna lil***	(28) Minħabba li l-kompiti konsulari jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti ***fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont il-kuntest lokali jew il-ħtiġijiet individwali taċ-ċittadini tal-Unjoni***, u jkopru sitwazzjonijiet sensittivi bħall-arrest, il-priġunerija, il-korriment jew li persuna tkun vittma ta' reat, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-Unjoni jkollhom aċċess ***għal kategoriji speċjali tad-data personali u jkunu jistgħu jipproċessawha u jiskambjawha u jkunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni*** kollha meħtieġa, meta dan ikun strettament meħtieġ biex tiġi pprovduta protezzjoni konsulari lill-persuna kkonċernata ***u jkun ta' interess pubbliku jew ta' interess vitali għas-suġġett tad-data kif speċifikat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/697 u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725***. L-immaġnijiet tal-wiċċ tal-persuni ***jridu*** jiġu pproċessati b'mod partikolari f'każijiet meta ***jkun irid*** jinħareġ Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE. Fl-aħħar nett, il-każijiet konsulari marbuta mal-arrest jew mad-detenzjoni ***jistgħu*** jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jipproċessaw data personali

ċittadin mhux rappreżentat, inkluż fid-difiża ta' talbiet legali, jista' wkoll jirrikjedi b'mod eċċezzjonali l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, jew data dwar l-orjentazzjoni sesswali. F'ċerti każijiet, l-għoti ta' għajnuna konsulari jista' jirrikjedi wkoll l-ipproċessar ta' data ġenetika, bħal meta tingħata għajnuna fil-kuntest ta' inċidenti serji li jeħtieġu l-identifikazzjoni unika ta' persuna inabilitata jew fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-paternità. Fl-aħħar nett, il-każijiet konsulari marbuta mal-arrest jew mad-detenzjoni ***x'aktarx*** jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jipproċessaw data personali relatata ma' kundanni u reati kriminali.	relatata ma' kundanni u reati kriminali.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(30) ***Meta l-għoti ta' protezzjoni konsulari jkun jeħtieġ*** it-trasferiment ta' data personali taċ-ċittadini tal-Unjoni lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti, ***li jkunu qegħdin jikkollaboraw fil-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet,*** dawn it-trasferimenti jenħtieġ li jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725.	(30) It-trasferiment ta' data personali taċ-ċittadini tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti, ***jenħtieġ li jiġi eżerċitat bl-akbar kawtela u biss jekk tali kollaborazzjoni tkun ta' importanza diretta għall-għoti ta' protezzjoni konsulari.*** Dawn it-trasferimenti jenħtieġ li ***dejjem*** jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725.
	Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(31) Id-data personali miġbura mill-Istati Membri li jassistu, l-Istati Membri tan-nazzjonalità jew l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li tinżamm biss sakemm ikun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti previsti minn din id-Direttiva. Meta d-data personali tikkonċerna d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali pubbliċi bħal konsli onorarji, id-data personali jenħtieġ li tinżamm sakemm il-persuna tibqa' l-kuntatt rilevanti. Jenħtieġ li t-tħassir ta' data personali tal-applikanti ma jaffettwax il-kapaċità tal-Istati Membri li jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.	(31) Id-data personali miġbura mill-Istati Membri li jassistu, l-Istati Membri tan-nazzjonalità jew l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li tinżamm biss sakemm ikun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti previsti minn din id-Direttiva. ***B'mod partikolari, sakemm ma jkunx meħtieġ li tinżamm sabiex jiġu appoġġati t-talbiet legali taċ-ċittadini jew jiġu ttrattati r-rimborżi posterjuri tal-protezzjoni konsulari pprovduta, jenħtieġ li d-data personali ma tinżammx għal aktar żmien minn dak li kien meħtieġ biex jiġu pprovduti t-tipi differenti ta' assistenza.*** Meta d-data personali tikkonċerna d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali pubbliċi bħal konsli onorarji, id-data personali jenħtieġ li tinżamm sakemm il-persuna tibqa' l-kuntatt rilevanti. Jenħtieġ li t-tħassir ta' data personali tal-applikanti ma jaffettwax il-kapaċità tal-Istati Membri li jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	2a. Fejn teżisti sitwazzjoni ta' kriżi u fejn jeżisti perjodu ta' aktar minn 48 siegħa biex iċ-ċittadini jilħqu jew jintlaħqu b'mod sikur mill-ambaxxata jew mill-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom, iċ-ċittadini għandhom jitqiesu bħala mhux rappreżentati.
	Skont il-partikolaritajiet ta' kull talba għall-assistenza u jekk iċ-ċirkostanzi lokali joħolqu periklu jew jagħmluha

impossibbli għaċ-ċittadini li jilħqu jew jintlaħqu b'mod sikur mill-ambaxxata jew mill-konsulat tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom, il-perjodu ta' 48 siegħa ma għandux japplika u ċ-ċittadini għandhom jitqiesu bħala mhux rappreżentati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta tkun teżisti sitwazzjoni ta' kriżi, il-proċess li jwassal għar-rikonoxximent ta' ċittadin tal-UE bħala mhux rappreżentat għandu jinżamm sempliċi kemm jista' jkun: dawn il-kriterji ġenerali se jippermettu lill-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-UE jiffukaw fuq l-għoti ta' protezzjoni liċ-ċittadini tal-UE billi jagħmlu l-proċess ta' identifikazzjoni biex tiġi stabbilita lista kważi awtomatiku.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	2a. Is-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex ikopru l-kostijiet ġenerali u l-ammont ta' xogħol amministrattiv orizzontali addizzjonali.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(d) l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji konġunti;	(d) l-organizzazzjoni ta' eżerċizzji konġunti ***mill-inqas fuq bażi annwali jew kull meta jkun meħtieġ***;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	(ca) arranġamenti li jappartjenu għall-appoġġ li għandu jingħata liċ-ċittadini li jiffaċċjaw proċedimenti tal-qorti, f'każijiet urġenti li jeħtieġu attenzjoni immedjata.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
Il-qafas ta' kontinġenza konġunt għandu jiġi aġġornat meta jkun meħtieġ sabiex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati.	Il-qafas ta' kontinġenza konġunt għandu jiġi aġġornat ***ta' kull sena, jew kull*** meta jkun meħtieġ ***fid-dawl taċ-ċirkostanzi lokali*** sabiex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux rappreżentati.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
F'pajjiżi terzi fejn ma tkun preżenti l-ebda delegazzjoni tal-Unjoni, il-koordinazzjoni għandha ssir mill-President tal-kooperazzjoni konsulari lokali maqbul skont l-Artikolu ***12(3)***, appoġġat mis-SEAE.	F'pajjiżi terzi fejn ma tkun preżenti l-ebda delegazzjoni tal-Unjoni, il-koordinazzjoni għandha ssir mill-President tal-kooperazzjoni konsulari lokali maqbul skont l-Artikolu ***12(2)***, appoġġat mis-SEAE.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom il-possibbiltà li jirreġistraw mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew jinfurmawhom, b'mezzi u għodod xierqa, dwar il-vjaġġi tagħhom f'pajjiżi terzi jew dwar ir-residenza tagħhom hemmhekk.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
5. Is-SEAE għandu jappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi, inkluż ***dwar bidliet fil-parir tagħhom dwar l-ivvjaġġar liċ-ċittadini***.”;	5. Is-SEAE għandu jappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi, inkluż dwar ***it-twaqqif ta' mekkaniżmi bikrin ta' detezzjoni u twissija dwar sitwazzjonijiet li jkunu qed jiżviluppaw***.”;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	5a. Is-SEAE għandu , f'kooperazzjoni

mill-qrib mal-Istati Membri, jipprovdi taħriġ konsulari dwar it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet lill-uffiċjali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	4a. Fl-istadji kollha ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni relatata mal-pariri tagħhom dwar l-ivvjaġġar liċ-ċittadini u għandhom jikkoordinaw biex jiżguraw il-konsistenza tagħha, bl-użu tal-mezzi u l-għodod xierqa kollha. Is-SEAE għandu jappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-bidliet fil-parir tagħhom dwar l-ivvjaġġar liċ-ċittadini.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 13c – paragrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa ***u proattivi*** biex jinfurmaw liċ-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), TFUE***, b'mod partikolari billi:***
	a) jinkludu informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni konsulari fil-pariri dwar l-ivvjaġġar u fil-kampanji relatati mal-protezzjoni konsulari;
	b) jikkooperaw dwar kampanji ta' informazzjoni ma' fornituri ta' servizzi

tat-trasport tal-passiġġieri u ċentri tat-trasport li joffru vjaġġar lejn pajjiżi terzi.

c) jiżviluppaw pjattaformi diġitali jew applikazzjonijiet mobbli, li permezz tagħhom iċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess rapidu u faċli għall-informazzjoni dwar il-protezzjoni konsulari u għall-kanali ta' kuntatt fi kwalunkwe ħin;

d) jiżviluppaw sistemi ta' notifika awtomatika biex iċ-ċittadini kollha tal-UE jingħataw informazzjoni kuntestwalizzata dwar id-drittijiet tagħhom u kif jeżerċitawhom mal-wasla f'pajjiżi terzi, kif ukoll messaġġi ta' twissija u rakkomandazzjonijiet f'ħin reali f'każ ta' kriżi għaċ-ċittadini li jkunu rreġistraw f'konformità mal-Artikolu 13(4a) ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
Meta l-protezzjoni konsulari mogħtija lil ċittadin mhux rappreżentat fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, il-punti (a) sa (c), tinvolvi kostijiet għoljin b'mod mhux tas-soltu iżda essenzjali u ġustifikati relatati mal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni jew it-traduzzjoni għall-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari, l-Istat Membru li jassisti għandu, fil-kuntest tal-konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 10(2), jinforma lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat dwar dawn il-kostijiet possibbli u jista', fi żmien 12-il xahar mill-assistenza pprovduta, jitlob ir-rimborż tagħhom direttament mill-Istat Membru tan-nazzjonalità.	Meta l-protezzjoni konsulari mogħtija lil ċittadin mhux rappreżentat fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, il-punti (a) sa (c) ***u (e)***, tinvolvi kostijiet għoljin b'mod mhux tas-soltu iżda essenzjali u ġustifikati relatati mal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni jew it-traduzzjoni għall-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari, l-Istat Membru li jassisti għandu, fil-kuntest tal-konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 10(2), jinforma lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin mhux rappreżentat dwar dawn il-kostijiet possibbli u jista', fi żmien 12-il xahar mill-assistenza pprovduta, jitlob ir-rimborż tagħhom direttament mill-Istat Membru tan-nazzjonalità.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (ċ)
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 16a – paragrafu 5

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu*** jipproċessaw data personali ***li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew is-sħubija fi trade union, data ġenetika, data bijometrika bl-iskop li tiġi identifikata b'mod uniku persuna fiżika, data dwar is-saħħa, data dwar il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali jew*** data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati ta' persuna li tkun teħtieġ protezzjoni konsulari fejn dan ikun strettament meħtieġ biex ikunu jistgħu jitwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 11 u l-Artikolu 13a fir-rigward ta' dik il-persuna.	5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***għandhom is-setgħa*** jipproċessaw ***il-kategoriji speċjali ta'*** data personali ***kif definit mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, kif ukoll, jekk ikun meħtieġ,*** data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati ta' persuna li tkun teħtieġ protezzjoni konsulari***,*** fejn dan ikun strettament meħtieġ biex ikunu jistgħu jitwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 11 u l-Artikolu 13a fir-rigward ta' dik il-persuna.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (ċ)
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 16a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	5a. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom is-setgħa li jipproċessaw il-kategoriji speċjali ta' data personali kif definiti mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fl-ambitu ta' dan l-Artikolu, kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati ta' persuna li teħtieġ protezzjoni konsulari, meta dan

ikun strettament meħtieġ biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10, fl-Artikolu 11 fl-Artikolu 13a fir-rigward ta' dik il-persuna.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (ċ)
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 16a – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***ma għandhomx*** jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali ***għajr biex iwettqu*** l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679.	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***għandhom*** jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali ***biss jekk tkun ta' importanza diretta għall-kapaċità tagħhom li jwettqu*** l-kompiti msemmija fl-Artikolu 9, fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (ċ)
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 16a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ***ma għandhomx*** jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali ***għajr biex iwettqu*** l-kompiti msemmija fl-Artikolu 10(1), fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725.	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ***għandhom*** jittrasferixxu data personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali ***biss jekk tkun ta' importanza diretta għall-kapaċità tagħhom li jwettqu*** l-kompiti msemmija fl-Artikolu 10(1), fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 13a u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva (UE) 2015/637
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
Mhux qabel [8 snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	***Sa [ħames*** snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Minn hemm 'il quddiem għandhom jitwettqu evalwazzjonijiet ulterjuri f'intervalli xierqa bil-ħsieb li jiġi żgurat li din id-Direttiva tibqa' aġġornata u tindirizza l-ħtiġijiet emerġenti u s-sitwazzjonijiet li qed jevolvu.***

Or. en